MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2005

Numru. 731/2000

Il-Pulizija
(Spettur Helga Debono)
vs
Marco Attard, Keith Pace

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli talli f'dawn il-gzejjer, fix-xhur ta' bejn Jannar 2000 u Frar 2000 u fix-xhur ta' wara b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi :

a. ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dan l-atti jew skritturi wara li jkun gew iffurmati, nkella illi ziedu jew biddlu klawsoli,

dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamlu falsifikazzjoni ta' diversi firem fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta ta' Marketing Services Limited u cekk ta' M. Attard u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe cekkijiet tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' Marketing Services u ta' M. Attard u persuni ohra, illi meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn Banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta imsemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitlu 9 tal-Ligjet ta' Malta.

c. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ngann, jew billi urew haga b'ohra sabiex iggieghlu titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' LM180 ghad-detriment ta' Ray Jewellery, LM47 ghd-detriment ta' J. Callus, LM210 ghad-detriment ta' Joe Borg, LM160 ghad-detriment ta' Compedue, LM135 ghad-detriment ta' Code M. System, LM314 ghad-detriment ta' Gardenia Stores, LM240 ghad-detriment ta' Tropical Bird Centre, LM460 ghad-detriment ta' Technocom, LM190 ghad-detriment ta' Cerva Petshop, LM370 ghad-detriment ta' Doneo Co. Ltd, LM125 ghad-detriment ta' Planet Kids, LM95 ghad-detriment ta' Engros Store, LM195 ghad-detriment ta' Aplan Ltd, LM59 ghad-detriment ta' Marken Limited, LM440 ghad-detriment ta' Futura Home Appliances, LM45 ghad-detriment ta' The Maternity Shop, LM35 ghad-detriment ta' Carini Stores, LM395 ghad-detriment ta' Starting Point, LM120 ghad-detriment ta' Eretric Ltd LM395 ghad-detriment ta' Audio, LM393 ghad-detriment ta' Domestic Home Centre, LM200

ghad-detriment ta’ Gersin, liema somma globali tilhaq l-ammont a’ LM4,923 bi hsara ghal Marketing Services Limited, Bank of Valletta, u persuni ohra u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 (1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

d. Xjentement laqghu ghandhom jew xtraw affarijiet misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentament b’kull mod li jkunu ndahlu biex imexxuhom jew ibieghuhom bi ksur ta’ l-artikoli 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil Marco Attard wahdu nakkuzah talli :

i. ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku jew pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f’dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella li zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe’ ghamel falsifikazzjoni tal, u ta’ persuni ohra u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183, 184 u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

ii. U aktar talli kiser il-provedimenti ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap 152 fuq sentenza tal-Qorti ta’ 23/2/98;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat Marco Attard debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-22 ta’ Ottubru, 2003.

Il-Qorti fuq talba tad-difiza hatret lil Marianne Zammit sabiex taghmel pre-sentencing inquiry report fil-konfront ta' l-imputat Marco Attard.

Il-Qorti rat ukoll il-verbal taghha tal-14 ta' Jannar, 2004 li permezz tieghu Dr Herrera ghall-imputat Marco Attard iddikjara illi il-klijent tieghu iddeposita ghandu s-somma ta' elf u hames mitt lira u tah struzzjonijiet irrevokabbli sabiex jghaddi dawn il-flus lill-allegati vittmi. Din is-somma tirrapprezenta bejn wiehed u iehor nofs l-ammont dovut lill-vittmi. Rat ukoll il-verbal taghha tal-25 ta' Marzu 2004 li permezz tieghu fuq talba tal-Ufficjal Prosekutur ghal separazzjoni tal-gudizzju laqghet it-talba u ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju f'dan il-kaz sabiex b'hekk il-proceduri fil-konfront ta' l-imputat Marco Attard ipprocedew independentement mill-proceduri fil-konfront ta' l-imputat l-iehor Keith Pace.

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja ta' l-imputat Marco Attard ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti issib lil Marco Attard hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha, u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 183, 184, 167, 169, 308, 309, 310, 334, 188 tal-Kap. 9 u l-Artikoli 9 u 10 tal-Kapitoli 152 illum Kapitolu 446. Il-Qorti rat ukoll fir-rigward ta' dan l-imputat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap. 9.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena il-Qorti rat il-pre-sentencing inquiry report imhejji mill-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit minn fejn irrizulta illi l-imputat ghamel dak illi ghamel mhux minhabba xi problema tad-droga, izda peress illi gie dahru mal-hajt, kellu bzonn il-flus u ghalhekk ikkommetta r-reat in kwistjoni.

Illi mill-fedina penali tal-imputat Marco Attard jirrizulta illi dan l-imputat diga gie misjub hati tar-reati simili fil-passat, izda pero' il-Qorti ma tarax illi f'dawn ic-cirkustanzi tkun l-ahjar soluzzjoni jekk l-imputat jigi karcerat u dana peress illi l-imputat jidher illi issa qabad it-triq it-tajba, ta l-flus lill-Avukat difensur tieghu sabiex jigu restitwiti lill-vittmi, irregistra ammissjoni u ikkoppera mal-pulizija matul l-investigazzjoni.

Illi ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti wara illi rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 qeghda testendi l-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni impost permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fit-23 ta' Frar, 1998 permezz ta' perjodu iehor ta' tlett snin illi ghandu jibda jiddekorri mill-lum.

Il-Qorti tordna li matul dan il-perjodu ta' zmien il-hati ikun taht is-supervizzjoni ta' ufficjal tal-probation li ghandu jigi mahtur mid-Direttur Responsabbli ghas-servizzi tal-probation. Finalment il-Qorti tiddikjara illi qeghda minnufih taghti kopja ta' din l-ordni ta' probation lill-hati Marco Attard u qeghda ukoll tghaddi kopja ta' din l-ordni lid-Direttur responsabbli ghas-servizzi tal-probation.

Finalment il-Qorti tiddikjara illi hija spjegat lill-hati Marco Attard bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jonqos milli joqghod ghal kull ordni legittima illi jaghtih, jew taghtih l-ufficjal tal-probation illi ser jigi mahtur mid-Direttur Responsabbli ghas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------